MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 763/2009

**Randolph Camilleri Surveys Limited (C-12152)**
**Vs**
**O & N Developments Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tliet elef, erba' mija, hamsa u tlettin ewro u tlieta u tmenin ewro centezmu (€3,435.83) rapprezentanti prezz ta' servizzi ta' *cost management (quantity surveying) services* rezi lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici u li huwa dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kontestwalmentipprezentat, bl-imghax sad-data tal-

effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2010 gie prezentat kapitlu mill-Avukat Massimo Vella u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------